MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 836/2001/1

**Joseph Zammit**
**vs**
**Joseph Bonello u Ronald Bonello u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2002 gie kjamat fil-kawza Paul Mallia u b'digriet tal-21 ta' Gunju, 2002 giet kjamata in kawza is-socjeta' Citadel Insurance plc**

**Il-Qorti**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attur fl-14 ta' Mejju, 2001, li permezz taghha l-attur ippremetta :

Illi fis-26 ta' Dicembru 2000 fi Triq l-Imgiered, Luqa waqt li l-attur Joseph Zammit kien riekeb bhala passiggier fil-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni IAA-913 misjuqha minn Paul Mallia, huwa kien involut f'incident tat-traffiku, liema incident gara meta l-vettura Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni EAF-068 misjuqha mill-konvenut Joseph Bonello u propjeta' ta' Ronald Bonello,

minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tat-traffiku, baqghet diehla go hajt u sussegwentement habtet mal-karozza misjuqa minn Paul Mallia, bir-rizultat li l-vettura misjuqa minn Paul Mallia garbet hsarat kbar, u li l-attur Joseph Zammit korra serjament;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-istess incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, l-attur sofra griehi gravi ta' natura serja li jwasslu ghal dizabilita' permanenti (vide certifikat Dokument A rilaxxat mit-tabib Gordon Caruana Dingli MD FRCS) u li ghalhekk, u b'rizultat ta' dan l-incident huwa sofra danni attwali kif ukoll danni futuri 'lucrum cessans' kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess atturi u l-assikurazzjoni taghhom interpellati biex ihallsu d-danni sofferti mill-attur baqghu inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Dicembru 2000 fi Triq l-Imgiered Luqa u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

2. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Bonello u Renald Bonello li permezz taghha eccepew:

1. ILLI preliminarjament ic-citazzjoni attrici hija nulla fil-konfront tal-konvenut Ronald Bonello in kwantu l-ebda premessa attrici ma tindika l-bazi ta' l-azzjoni fil-konfront tieghu. Il-konvenut Ronald Bonello sabiex ikun f'pozizzjoni li jiddefendi ruhu ghandu dritt ikun jaf fuq liema bazi qieghed jitqies responsabbli ghall-incident u f'dan ir-rigward hija mehtiega ghall-integrita' ta' l-atti li tali bazi tigi espressament dikjarata u specifikata mill attur;

2. ILLI preliminarjament ukoll ic-citazzjoni attrici hija nulla wkoll in kwantu tikkorcerna t-talba ghall-likwidazzjoni ta' danni futuri a bazi ta' dizabilita' permanenti, billi imkien fic-citazzjoni attrici ma hu ndikat fiex tikkonsisti tali debilita' permanenti; il-kawzali in kwistjoni fil-fatt taghmel riferenza ghac-certifikat esebit mill-attur bhala "Dok.A" li allegatament jiddeskrivi tali debilita' permanenti, mentri c-certifikat *de quo* jghid testwalment: *"all the organs were examined and no traumatic changes were found"*. Il-konvenuti sabiex ikunu f'pozizzjoni li jiddefendu ruhhom ghandhom id-dritt ikunu jafu fiex suppost li tikkonsisti tali debilita' permanenti u f'dan ir-rigward hija mehtiega ghall-integrita' ta' l-atti li tali debilita permanenti tigi espressament dikjarata u specifikata mill-attur;

3. ILLI fil-mertu l-ebda wiehed mill-konvenuti ma huwa responsabbli ghall-incident *de quo*, billi l-ebda wiehed mill-konvenuti ma kien traskurat, imprudenti jew hati ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku jew b' mod iehor negligenti jew doluz.

Bir-rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjes kontra l-attur u bis-sejha ta' l-attur minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Joseph Bonello u Renald Bonello.

Rat in-nota spjegattiva ta' l-attur tat-2 ta' Awissu 2001. Rat illi waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2001 Dr Gauci, b'referenza ghan-nota ta' l-attur tat-2 ta' Awissu 2001,

irtira l-ewwel u it-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Bonello u Renald Bonello.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Novembru 2001 li permezz tieghu hatret lil Dr Charles Swain bhala perit mediku biex jirrelata dwar id-dizabilita’ li qed jilmenta minnha l-attur.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intervenuta fil-kawza Citadel Insurance plc, li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi hija ghandha interess dirett, immedjat u guridiku f’din il-kawza sabiex tipprova li ghad li giet notifikata bic-citazzjoni fl-ismijiet premessi ma jistghux jigu invokati kontra taghha d-dispozizzjonijiet tal-kap 104 dan stante li l-polza ta’ assikurazzjoni mahruga minnha tkopri persuni li ghandhom aktar minn 25 sena biss u ghalhekk Joseph Bonello li kien qed isuq il-karozza nvoluta fl-incident automobilistiku referit fic-citazzjoni m’huwiex kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni, stante li fid-data ta’ l-incident kellu anqas minn 25 sena.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara tort u minhabba negligenza u traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ istess attur Joseph Zammit, filwaqt li l-konvenut Joseph Bonello m’ghandu l-ebda responsabbilita’ ghall-istess incident automobilistiku.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ Citadel Insurance plc.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr Charles Swain, mahluf minnu fit-23 ta’ Jannar 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia, li permezz taghha eccepixxa:

1. **<u>In linea preliminari,</u>** l-azzjoni ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjenti hija preskrtta a tenur ta' l-Art.2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **<u>Fil-mertu,</u>** l-ewwel talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku *de quo* ma' garax b'tort ta' l-eccipjent izda unikament bi htija tal-konvenut Joseph Bonello li kien qed isuq il-vettura Nru. EAF 068.

3. It-tieni talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

4. Isegwi li anke t-tielet talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia.

Rat is-sentenza parzjali taghha tat-8 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia, li permezz taghha huwa eccepixxa illi :

1. L-azzjoni ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent hija preskritta bid-dekors ta' sentejn mid-data ta' l-incident a tenur tal-Art.2154 tal-kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali u ta' l-azzjoni civili ghal risarciment ta' danni hija ta' sentejn (Joseph Zammit vs Joseph Bonello (Citaz. Nru. 836/2001/GV) deciza in parte fit-8 ta' Ottubru, 2004).

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza Paul Malia.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Frar 2005 li permezz tieghu hatret lil Mr Alex Attard, Dr Brendon Caruana Montalto u Dr Joe Cacciattolo bhala periti addizzjonali;

Rat is-sentenza parzjali taghha tat-30 ta' Jannar 2006, li permezz taghha laqghet l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-azzjoni kontra tieghu hija preskritta, l-ispejjez gew riservati ghad-decizjoni finali;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2006, li permezz tieghu issostitwiet lil espert addizzjonali Dr Joe Cacciattolo b'Dr Stefan Montfort, bl-istess inkarigu;

Rat ir-rapport tal-esperti addizzjonali, mahluf minnhom waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2007;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja illi l-partijiet inghataw zmien xieraq sabiex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet, huma naqsu milli jipprezentawhom;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-kawza odjerna tittratta incident awtomobilistiku illi sehh fis-26 ta' Dicembru tas-sena 2000 fit-Triq l-Imgiered, Hal-Luqa bejn Joseph Bonello li kien qieghed isuq il-vettura numru EAF 068 u Paul Mallia li kien qieghed isuq il-vettura numru IAA 913.

Illi una volta kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat il-kjamat fil-kawza Paul Mallia gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, jonqos ghalhekk illi l-Qorti tezamina it-talbiet

attrici fir-rigward tal-konvenuti Joseph Bonello u Ronald Bonello u fir-rigward tas-socjeta’ kjamata in kawza Citadel Insurance plc.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Joseph Zammit illi kien passiggier ma’ l-attur dakinhar ta’ l-incident. Huwa qal illi kienu marru Hal-Qormi, huwa kien qieghed bil-qeghda fuq quddiem hdejn is-sewwieq u l-incident gara meta kienu nizlin mit-Triq ta’ l-Imgiered, Hal-Luqa. Mallia xehed illi huma kienu qeghdin fuq in-naha taghhom mal-hajt tas-sejjiegh u huwa fil-pront ra vettura ta’ lewn bajda hierga minn go Triq l-Imgiered li kienet ser tikser ‘il fuq fid-direzzjoni tat-triq principali. Skond ix-xhud din il-vettura kienet gejja b’sahha kbira u habtet minn wara mal-hajt tal-kantuniera u baqghet gejja dritta fuq il-vettura tal-attur. Il-vettura dahlet gol-mudguard ta’ quddiem fuq in-naha tax-xuffier u bid-daqqa il-vettura ta’ l-attur spiccat fil-hajt tas-sejjiegh. Ix-xhud spicca barra mill-vettura u wara sar jaf li l-attur kien hareg mill-windscreen. Ix-xhud qal illi huwa ma intilifx minn sensieh izda kellu ugigh kbir fil-kustilji u f’sidru. Huwa ma setghax johrog mill-vettura. Kienu waqfu xi nies illi bdew jghollu il-vettura minn wara sabiex jifthu il-bieba tan-naha tieghu u harguh mill-vettura. Giet l-ambulanza u hadietu l-isptar. Ix-xhud qal illi huwa kien sofra ingurji ta’ natura gravi u tort ta’ l-incident ma jistax jahdem iktar. Huwa xehed illi tort ta’ l-incident kellu sitt kustilji miksura u ghadu ibghati minn ugigh kbir f’dahru, idejh, grizmejh, kif ukoll f’zaqqu fejn gie operat.

Illi xehed Paul Mallia u qal illi dakinhar ta’ l-incident ghall-habta tas-sitta u kwart ta’ filghaxija kien qieghed isuq il-vettura Seat Ibiza numru ta’ registrazzjoni IAA 913, kien nizel minn naha ta’ l-Ingiered li taghti ghal Marsa u kien akkumpanjat minn Joseph Zammit. Huwa xehed illi kien nizel in-nizla b’velocita ta’ 25 mil fis-siegha u ra vettura bajda numru ta’ registrazzjoni EAF 068 gejja b’velocita eccessiva minn naha tal-lemin. Din il-vettura habtet b’impatt kbir mal-hajt tan-naha tal-vettura tal-vettura li kien fiha hu u konsegwentement habtet mal-vettura tieghu man-naha ta’ quddiem. Huwa xehed illi meta ra l-vettura

gejja lejh ibbrakeja minnufih u resaq mal-gemb. Iz-zewg vetturi waqfu u bis-sabta u bl-impatt tad-daqqa literalment hareg minn gol-windscreen u sofra xi griehi f'wiccu partikolarment fuq ghajnejh tax-xellug, kif ukoll f'siequ ix-xellugija. Kellhom isirulu l-ponti fil-ferita illi kellu f'saqajh.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' kjamata fil-kawza Citadel Insurance plc kienet harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-vettura tal-marka Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni EAF 068 proprjeta ta' Joseph Bonello, liema vettura kienet involuta fl-incident in kwistjoni. Is-socjeta' intervenuta fil-kawza Citadel Insurance plc tikkontendi illi l-vettura kienet assigurata minnhom u kienet misjuqa fil-hin ta' l-incident minn Joseph Bonello illi fid-data ta' l-incident ma kellux 25 sena u ghalhekk skond is-socjeta' Citadel Insurance plc Joseph Bonello ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni.

Illi xehed PS 1439 John Tabone u qal illi dakinhar ta' l-incident kien mar fuq il-post, sab il-vetturi fil-posizzjoni kif indikata fl-sketch. Huwa xehed illi l-vettura EAF 068 kienet tiela lejn id-direzzjoni ta' Hal-Luqa u il-vettura numru ta' registrazzjoni IAA 913 kienet nizla lejn id-direzzjoni tal-Marsa. Meta mar fuq il-post sab xi nies midruba. Effettivament kien wegga is-sewwieq tal-vettura IAF 068 Joseph Bonello. Kien wegga il-passigier li kien f'din il-vettura Jonathan Zahra u kien wegga is-sewwieq tal-vettura l-ohra Paul Mallia u l-passiggier illi kien fil-vettura ta' Paul Mallia certu Joseph Zammit. Is-Surgent xehed illi din kienet daqqa kbira u tort ta' l-incident Joseph Zammit kien korra gravi u kien anke fil-perikolu tal-mewt u ghalhekk kienet saret inkjesta magisterjali. Is-Surgent xehed illi huwa ha l-verzjoni tas-sewwieqa fuq il-post. Joseph Bonello kien qallu li kien tiela minn Triq l-Imgiered Hal-Luqa sejjer lejn Hal-Luqa u f'daqqa wahda ra dawl f'wiccu u ghalhekk ghafas ftit lejn in-naha tax-xellug u habat mal-hajt u bid-daqqa il-vettura tieghu daret u dahlet fil-vettura numru IAA 913 li kienet gejja fid-direzzjoni opposta. Is-Surgent kompla jixhed illi Paul Mallia li kien qieghed isuq il-vettura IAA 913 qal illi kien nizel minn Triq

l-Imgiered Hal-Luqa sejjer fid-direzzjoni tal-Marsa u f'daqqa wahda il-vettura numru EAF 068 habtet mal-hajt, giet fuqu u bid-daqqa huwa spicca mal-hajt tan-naha tax-xellug tieghu u laqghat il-hajt u bid-daqqa Joseph Zammit spicca fil-periklu tal-mewt u ittiehed l-isptar.

Ikkunsidrat :

Illi l-espert mediku Mr Charles Swain ikkonkluda illi Joseph Zammit sofra minn griehi ta' natura gravi li setghu ikkagunaw il-mewt fl-incident tat-traffiku illi gara fis-26 ta' Dicembru 2000 u dam aktar minn xahar biex fieq u kienet il-kura intensiva li inghata l-isptar li salvatlu hajtu. "Illum il-kundizzjoni tieghu hi tajba ghalkemm parti mill-hsara fil-qafas ta' sidru u fil-pulmun hi permanenti. Nikkonsidra li ghandu disabbilita permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%) b'rizultat dirett ta' dan l-incident."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rapport tal-esperti medici addizzjonali u rat illi l-esperti addizzjonali ikkonkludew illi mill-istorja ezami kliniku u rizultati ta' testijiet u skond il-gwidi Internazzjonali il-kalkolazzjoni ta' disabbilita permanenti u flimkien ma l-esperjenza klinika taghhom huma fl-opinjoni illi l-korriment illi sofra is-Sur Zammit ilahhaq l-ghaxra fil-mija (10%).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ix-xiehda ta' Anthony Grech Sant illi xehed illi huwa kien jaf lil Joseph Zammit maghruf bhala is-Sei ghan-numru ta' snin u ikkonferma illi Zammit kien talbu biex jimpjegah mal-kumpanija tieghu u huwa kien accetta u kien ser jaghtih paga ta' tmenin lira Maltin (LM80), izda gimgha qabel ma kellu jibda ix-xoghol kien involut f'incident awtomobilistiku u effettivament qatt ma hadem mieghu.

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Bonello liema sentenza giet moghtija fid-9 ta' Lulju 2007 u rat illi stante konflitt fil-provi

il-Qorti illiberat lill-imputat Joseph Bonello minn kull htija u piena.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Daniel Zahra, kugin tal-konvenut Joseph Bonello u qal illi dakinhar ta’ l-incident il-konvenut Joseph Bonello kien qieghed isuq il-vettura u hu kien bil-qeghda hdejh fis-seat tal-passiggier u Jonathan kien fuq wara fin-nofs. Kienu is-sitta u kwart ta’ filghaxija u peress li kien Dicembru kien diga dalam sew. Huma kienu ghaddejjin ghat-telgha b’velocita baxxa u f’hin minnhom semgha lill-konvenut jilmenta li kien gej xi hadd mill-faccata bil-bright mixghul. Huwa hares u ra il-vettura gejja li ma kienitx fuq in-naha taghha tat-triq u li kienet ghaddejja b’velocita qawwija. Iktar ma bdiet tersaq lejhom din il-vettura inqas ma setghu jaraw it-triq u il-konvenut ghafas fuq in-naha tieghu biex jevita lill-vettura l-ohra, izda f’hin minnhom habtu ma hajt fuq in-naha tieghu, liema hajt ma kienx jidher minhabba il-bright tal-vettura l-ohra. Bid-daqqa hargu ftit ‘il barra, izda xorta baqghu fuq in-naha taghhom tat-triq. Il-vettura l-ohra baqghet gejja ghal fuqhom minghajr ma naqqset mill-velocita, hakmithom mal-fanal tan-naha tas-sewwieq u d-daqqa tant kienet b’sahhitha li l-vettura daret u giet thares ‘l isfel. Huwa xehed illi l-konvenut ma waqqafx il-karozza mal-ewwel u lahqet nizlet ftit sa kemm il-konvenut zamm il-brake. Il-vettura l-ohra damet aktar biex waqfet u dahlet go hajt tas-sejjiegh fuq in-naha l-ohra tat-triq u baqghet titkaxkar ma dan il-hajt fuq in-naha tal-passiggier. Daniel Zahra kompla jixhed illi meta waqfet il-vettura l-ohra is-sewwieq hareg u beda jghajjat u jitkellem hazin. Il-passiggier baqa fil-karozza. Ix-xhud kompla jghid illi Jonathan wegga ftit fuq f’ghonqu u f’siequ, giet l-ambulanza u riekbu Jonathan u l-passiggier li kien fil-vettura l-ohra, imma hu u il-konvenut Joseph Bonello baqghu jistennew lill-pulizija. F’hin minnhom il-pulizija ircevew telefonata mill-isptar fejn qalulhom illi Jonathan ma kellu xejn gravi, izda il-passiggier tal-vettura l-ohra kellu xi feriti u qalulhom li setghu jifthu t-triq u ghalhekk huma cemplu ghal tow truck u telqu minn fuq il-post.

Illi xehdet Doris Bonello illi tigi omm il-konvenut Joseph Bonello u mart il-konvenut Ronald Bonello u qalet illi l-vettura tal-ghamla Hyundai kienet inxurjata any driver over 25 years u third party. Hija qalet illi dakinhar ta' l-incident hi u zewgha ma kienux jafu illi binhom kien ha il-vettura Hyundai peress illi dan dejjem saq vettura ohra ta' l-ghamla Fiat Brava. Skond ix-xhud Joseph Bonello ma kienx jaf illi l-Hyundai ma kienitx inxurjata b'mod li setgha isuqha hu. Dakinhar binha ha il-vettura Hyundai ghax kien mghaggel biex jaqdi lil kuginuh. Ix-xhud qalet illi binhom qatt ma kien saq il-vettura qabel dakinhar ta' l-incident u huma ma kienux jafu illi binhom ma kienx inxurjat u fil-fatt Ronald Bonello intebah b'din il-problema l-ghada tal-kollizzjoni.

Illi xehed il-konvenut Ronald Bonello u qal illi kien xtara il-vettura Fiat Brava ghall-ibnu il-konvenut Joseph Bonello u kien ixurjaha sabiex hu ikun jista isuqha. Huwa qal illi ibnu qatt ma kien saq il-Hyundai u qatt ma talbu permess biex isuqha u qatt ma gie diskors fejn huwa qallu espressament li ma setghax isuqha peress illi ma kienx inxurjat biex isuqha. Effettivament dakinhar illi habat, il-konvenut Joseph Bonello kellu biss ghoxrin sena. Il-konvenut kompla jghid illi dakinhar ta' l-incident ibnu ha il-Hyundai minghajr ma qallu u huwa ma kienx id-dar meta ibnu hadha u din kienet l-ewwel darba li ibnu kien saq din il-vettura.

Illi xehed ukoll il-konvenut Joseph Bonello u qal illi huwa ma kienx jaf illi ma kienx inxurjat biex isuq il-vettura Hyundai. Dakinhar kien qabad u hadha peress illi kienet vicin il-bieb tad-dar. Huwa spjega li meta gara l-incident kien sejjer ghal Hal-Luqa u ra vettura ohra bil-bright mixghul gejja minn naha opposta. Kif ra din il-vettura mill-ewwel beza peress illi l-vettura kienet gejja b'velocita qawwija u kienet f'nofs it-triq u resaq lejn in-naha tieghu. F'hin minnhom it-triq ta' quddiemu djieqet u ma rax il-kantuniera minhabba illi kellu d-dawl f'ghajnejh. Kien ghalhekk illi skond il-konvenut laqghat il-kantuniera u peress illi kienet fit-tond tkaxkar maghha u kwazi waqaf u kien ghalhekk li hareg ftit 'il barra. Dak il-hin il-vettura l-ohra dahlet fih ghaliex kienet ghaddejja f'nofs it-triq u bid-

daqqa li tah il-vettura tieghu daret thares ‘l isfel. Il-konvenut kompla jixhed illi sa kemm waqfu iz-zewg vetturi baqghu nezlin xi ftit u huwa waqaf ghaliex zamm il-brake, izda il-vettura l-ohra waqfet ghaliex resqet mal-gemb u bdiet titkaxkar ma hajt tas-sejjiegh. Il-konvenut xehed illi wara l-incident Kevin Mallia, sid il-vettura l-ohra, beda jheddidhom, ippruvaw jinnegozjaw sabiex ma jidhlux fil-Qorti, izda hadd ma ammetta l-ebda responsabbilita ghall-incident u cahad illi ghal dawn il-laqghet kien prezenti Joseph Zammit.

Illi xehed Dr Edmond Zammit Laferla, head tal-legal affairs mas-Citadel Insurance u ikkonferma illi l-konvenut Ronald Bonello kien inxurjat maghhom b’polza comprehensive fuq il-vettura EAF 068, izda din il-kopertura kienet teskludi sewwieqa taht il-25 sena. Huwa esebixxa fotokopja tal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni illi tixhed illi ma kien hemm ebda assigurazzjoni ghall-persuni ta’ taht il-25 sena illi isuqu il-vettura in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li fejn jidħol korriment (jew mewt), il- prova tar-responsabbilta’ ta’ dik il-grajja xorta waħda taqa’ fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) ma tfissirx awtomatikament il-ħelsien għal kollox tal-parti midruba.

Il-parti l-midruba jenhtiegilha li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-aħjar mod li titlob il-ligi (Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta’ Jannar 2009 fil-kawża fl-ismijiet Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.)

Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li seħħ dak l-incident u li min-naħa tagħha (jew l-awtur tagħha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b’idejn dak li jkun;

Jigi rilevat illi lanqas il-Qorti kriminali ma kienet kapaci tattribwixxi htija lill-konvenut fir-rigward tal-akkuzi migjuba

kontrih u dan minhabba konflitt fl-evidenza u anki f'dawn il-proceduri – ma jistax jigi tenut illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Dicembru 2000.

Illi la t-traskuragni, l-imprudenza jew nuqqas ta' osservanza ta regoli tat-traffiku ma giet ppruvata fil-kaz de quo

Hu dejjem necessarju f' kazijiet bhal dawn illi wiehed jindaga r-rapport ta' kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz biex jigi stabbilit illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut;

Ciononostante, din il-kostatazzjoni ma ghandhiex per se tfisser illi hi eskluza kwalsiasi ricerka ohra. Dan l-aktar biex jigi determinat jekk kienx hemm ukoll il-konkors ta' xi kolpa da parte tad-danneggjat jew tal-vittma.

L-aspett generiku tal-"htija" dezinjat fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili certament jakkordaw riflessjoni fuq din il-materja fl-elementi kollha taghha; kompriz allura l-kwistjoni tal-kontributorjeta`;

In subjecta materia il-principju konformement akkolt mill-Qrati taghna hu fis-sens illi "l-kwistjoni jekk kienx hemm contributory negligence miz-zewg nahiet ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici jew regoli legali fissi, izda skond principji tas-sens komun" – "Cristino Zahra –vs- Raymond G. Ashley", Appell Civili, 24 ta' Gunju 1960;

Premess dan li ntqal, huwa indubitat illi d-danni akwiljani jikkostitwixxu lezjoni ta' qaghda guridika soggettiva li l-Kodici Civili taghna, bhal kodicijiet ta' pajjizi ohra, jirrikonoxxi bhala meritevoli ta' tutela;

Ghal dik li hi hsara fuq il-persuna d-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi ispirata mill-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili fejn nsibu konfigurat il-pregudizzju rizarcibbli f' termini ta' damnum emergens u lucrum cessans. Din il-forma duplici tad-danni nirriskontrawha wkoll fl-Artikolu

1046 sussegwenti li jitratta mis-sitwazzjoni avvenuta f' kaz ta' mewt.

Illi ghal dak illi jirrigwarda traskuragni, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Keith Camilleri deciza fit-13 ta' Ottubru 2010.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il- ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non- osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi il-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l- probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi il-hin u l- lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati.[1]

---

[1] Ghall-finijiet ta' piena l- legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Gellel deciza fid-19 ta' Frar 2004:

"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (Appell Kriminali Pulizja vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pulizija vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pulizja vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas- serjeta` taghhom (Appell Kriminali Pulizija vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r- reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (Appell Kriminali Pulizija vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]).
'Recklessness' giet definite bhala 'wilfully shutting one's eye' (Appell Kriminali Pulizja vs Joseph Aquilina, 20 ta' April 1963).

Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (Appell Krimininali Pulizija vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".

Illi, fir-rigward ta' 'proper look out', dan il-kuncett iffiser ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara, izda s-sewwieq irid ikollu "an awareness of his immediate vicinity" u cioe` li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares 'il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod (Ara wkoll P. Spiteri v. R.Caruana App 5/10/98; Maria Vella Galea v. Oreste Sammut App 5/10/98; Dr. Remigio Zammit Pace v. C.Grima App Inf. 16/5/97; A Gatt v. M.Shephard App Inf 7/5/98). Ghalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontingenti (Ara Vol XLVI pI p112). Fin-nuqqas, ikollu

---

f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)"

jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern ma nistghu qatt nghidu li gie ppruvat li l-konvenut kien unikament resopnsabbli ghal-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Dicembru 2000 fi Triq l-Ingiered Luqa u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident – billi dan ma giex pruvat quddiem din il-Qorti u ghalhekk din il-qorti ma tistax tilqa l-ewwel talba tal-attur, u konsegwentement lanqas it-talbiet l-ohra sabiex tillikwida d-danni, billi ma giex stabilit r-rapport ta' kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz, u ghalhekk ma jistax jigi pruvat li l-kawza prossima ta' l-incident kienet frott tal-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut;

Illi una volta illi l-Qorti ma tistax tistabilixxi il-htija fil-konvenut Joseph Bonello, konsegwentement lanqas ma tista issib htija fil-konvenut Ronald Bonello, jew fis-socjeta kjamata in kawza Citadel Insurance plc.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmiija il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Joseph Bonello u Ronald Bonello peress illi din giet irtirata minnhom, qeghda tilqa it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Bonello u Ronald Bonello, tilqa ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata fil-kawza Citadel Insurance plc u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------